

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett legali skont id-dritt pubbliku internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istatus tan-NU/KEE TRANS/WP.29/343 disponibbli fi: <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29docstts.html>.

Ir-Regolament Nru 62 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom kontra l-użu mhux awtorizzat

Jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-suppliment 2 tal-verżjoni oriġinali tar-Regolament – Id-data tad-dħul fis-seħħ: l-10 ta' Ottubru 2006

IL-KONTENUT

REGOLAMENT

1. Il-Kamp ta' Applikazzjoni
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Speċifikazzjonijiet ġenerali
6. Speċifikazzjonijiet partikolari
7. Modifiki tat-tip ta' vettura jew apparat ta' protezzjoni tal-vettura
8. Konformità tal-produzzjoni
9. Penali għal nuqqasijiet fil-konformità tal-produzzjoni
10. Produzzjoni mwaqqfa għal kollox
11. Ismijiet u indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli għat-testijiet ta' approvazzjoni, u tad-dipartimenti amministrattivi

ANNESI

L-Anness 1 Komunikazzjoni

L-Anness 2 Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

L-Anness 3 Test għal użu f'apparat protettiv tat-tip 3

1. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI
 - 1.1. Dan ir-Regolament japplika għal vetturi tal-kategoriji L₁ sa L₇ ⁽¹⁾, jekk armati b'manubriji.
2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

⁽¹⁾ Kif iddefinit fl-Anness 7 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Emenda 2 kif emendat l-aħħar mill-Emenda 4).

- 2.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni tagħha kontra użu mhux awtorizzat;
- 2.2. "Tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vetturi li jaħdmu bl-enerġija li ma jvarjawx f'tali aspetti essenzjali bħal:
 - 2.2.1. l-indikazzjonijiet tal-manifattur tat-tip tal-vettura;
 - 2.2.2. l-arranġament u d-disinn tal-komponent tal-vettura jew komponenti li fuqhom jaġixxi l-apparat protettiv;
 - 2.2.3. it-tip ta' apparat protettiv;
- 2.3. "Apparat protettiv" ifisser sistema maħsuba biex tipprevjeni l-użu mhux awtorizzat tal-vettura li ttipprovdi azzjoni ta' qfil pożittiv tal-istering jew tat-trażmissjoni; Din is-sistema tista' tkun:
 - 2.3.1. It-tip 1: operat waħdu u b'mod pożittiv fuq l-istering biss,
 - 2.3.2. It-tip 2: operat b'mod pożittiv fuq l-istering flimkien ma' apparat li jiddiżattiva l-magna tal-vettura,
 - 2.3.3. It-tip 3: ċċarġjat minn qabel, li jopera fuq l-istering flimkien ma' apparat li jiddiżattiva l-magna tal-vettura,
 - 2.3.4. It-tip 4: operat b'mod pożittiv fuq it-trażmissjoni
- 2.4. "Stering" tfisser il-kontroll tal-istering, (il-manubriji) il-kolonna tal-istering u l-aċċessorji tiegħu ta' tlibbis, ix-xaft tal-istering, il-gerboks tal-istering u l-komponenti l-oħra kollha li direttament jaffettwaw l-effettività tal-apparat protettiv;
- 2.5. "Kombinazzjoni" tfisser waħda mill-varjazzjonijiet speċifikament żviluppati u kostruwiti ta' sistema li tillokkja li, meta attivata kif imiss, tippermetti l-operazzjoni tas-sistema ta' illokkjar;
- 2.6. "Ċavetta" tfisser kull apparat ddisinjat u kostruwit biex jipprovdi metodu ta' operazzjoni ta' sistema li tillokkja, li hija ddisinjata u kostruwita biex tiġi operata biss b'dak l-apparat.
3. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI
 - 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward ta' apparat protettiv biex jipprevjeni l-użu mhux awtorizzat tagħha għandha tingħata mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu debitament akkreditat.
 - 3.2. Magħha għandhom jitressqu tliet kopji tad-dokumenti li jissemew hawn taħt u d-dettalji li ġejjin:
 - 3.2.1. deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-arranġament u d-disinn tal-komponent jew komponenti tal-vettura li fuqhom jaġixxi l-apparat protettiv;
 - 3.2.2. tpinġijiet, fuq skala xierqa u b'dettal suffiċjenti, tal-apparat protettiv u tal-muntaġġi tiegħu fuq il-vettura;
 - 3.2.3. deskrizzjoni teknika tal-apparat.
 - 3.3. Dan għandu jkun sottomess lis-servizz tekniku responsabbli biex iwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni:

- 3.3.1. vettura, li tirrappreżenta t-tip tal-vettura li trid tiġi approvata, jekk mitlub mis-servizz tekniku; u wkoll
- 3.3.2. fuq talba tas-servizz tekniku, daww il-komponenti tal-vettura kif is-servizz iqs meħtieġ għall-kontrolli preskritti fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan ir-Regolament.
4. APPROVAZZJONI
- 4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 5 u 6 ta' hawn taħt, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dik it-tip ta' vettura.
- 4.2. Għandu jingħata numru ta' approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (bħallissa 00 għar-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-emendi tekniċi prinċipali l-aktar reċenti li saru lir-Regolament fiż-żmien meta ħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti tista' ma tagħtix l-istess numru jew lill-istess tip ta' vettura mgħammra b'tip ieħor ta' apparat protettiv jew l-apparat li l-protezzjoni tiegħu tkun immuntata b'mod differenti, jew lil tip ta' vettura oħra.
- 4.3. L-avviż tal-approvazzjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandu jiġi kkomunikat lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament u permezz ta' tpinġijiet tal-apparat protettiv, u l-montaġġ tiegħu pprovdut mill-applikant għall-approvazzjoni, f'format mhux akbar minn A 4 (210 x 297 mm) jew mitwija f'dak il-format u fuq skala xierqa ⁽¹⁾.
- 4.4. Għandu jkun hemm imwagħhal, f'post fejn jidher u li hu aċċessibbli malajr speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament marka ta' approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:
- 4.4.1. ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi lill-pajjiż li ta l-approvazzjoni;
- 4.4.2. in-numru ta' dan ir-Regolament, flimkien mal-ittra "R", sing u numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' vettura tat-tip approvata, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti annessi mal-Ftehim fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1 ma għandux għalfejn ikun imtenni; f'dak il-każ, ir-Regolament u n-numri tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li taħtom ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jitqiegħdu f'kolonna wieqfa fuq in-naħa tal-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1.
- 4.6. Il-marka tal-approvazzjoni trid tkun waħda li tinqara b'mod ċar u tkun indelibbli.
- 4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed viċin jew fuq il-pjanċa bid-dejta dwar il-vettura li jkun waħal il-manifattur.
- 4.8. L-Anness 2 għal dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni.
5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI
- 5.1. L-apparat protettiv għandu jkun hekk iddisinjat li:
- 5.1.1. huwa meħtieġ li jitwaqqaf milli jitħaddem sabiex jippermetti li l-vettura tiġi ggwidata, jew sabiex tiġi misjuqa jew imċaqalqa 'l quddiem f'linja dritta,
- 5.1.2. fil-każ ta' apparat protettiv tat-tip 4, l-apparat għandu jkun hekk iddisinjat li jkun meħtieġ li jitwaqqaf milli jitħaddem sabiex tiġi rilaxxata t-trażmissjoni. Jekk dan l-apparat ikun attiv bil-kontroll tal-ipparkjar għandu jaġixxi flimkien mal-apparat li jiddiżattiva l-magna tal-vettura.

⁽¹⁾ In-numri ta' distinzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tal-1958 qed jerġgħu jingħataw fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.2/Emenda 1.


- 5.1.3. Għandu jkun possibbli li tinħareġ ċ-ċavetta mal-bolt fil-pożizzjoni kompletament ingaġġata jew kompletament diżingagġata. Kwalunkwe pożizzjoni intermedjarja taċ-ċavetta ġġib magħha r-riskju tad-dħul tal-bolt sussegwenti, anke jekk iċ-ċavetta tal-apparat protettiv ikun inserit, għandha tiġi eskluża
- 5.2. Ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.1 għandhom jitħarsu permezz tal-applikazzjoni unika ta' ċavetta waħda.
- 5.3. L-apparat protettiv imsemmi fil-paragrafu 5.1 hawn fuq, u l-komponenti tal-vettura li fuqhom jopera, għandu jkun hekk iddisinjat, li ma jistax jinfetħ malajr u mingħajr ma jiġbed l-attenzjoni, isir ineffettiv jew jiġi distrutt minn, pereżempju, l-użu ta' għodda rħisa u li tinħeba faċilment, tagħmir jew fabbrikazzjonijiet faċilment disponibbli lill-pubbliku inġenerali.
- 5.4. L-apparat protettiv għandu jiġi mmuntat fuq il-vettura bħala parti mit-tagħmir oriġinali (jiġifieri, tagħmir installat mill-manifattur tal-vettura qabel l-ewwel bejgħ tagħha bl-imnut). Is-serratura għandha tkun immuntata b'mod sikur fl-apparat protettiv. (Jekk is-serratura tkun tista' tiġi estratta billi tintuża ċ-ċavetta u wara li l-kopertura jew kull apparat ieħor ta' ritenzjoni ikun tneħħa, din ma tikkontradixxi ir-rekwiżit)
- 5.5. Is-sistema taċ-ċavetta li ssakkar għandha tipprovdi tal-anqas 1 000 kombinazzjoni differenti taċ-ċavetta jew numru ugwali għan-numru totali ta' vetturi mmanifatturati kull sena jekk anqas minn 1 000. F'vetturi ta' tip wieħed il-frekwenza ta' okkorrenza ta' kull kombinazzjoni għandha bejn wieħed u ieħor tkun ta' waħda kull 1 000.
- 5.6. Iċ-ċavetta u s-serratura ma għandhomx ikunu kkodifikati viżibilment.
- 5.7. Is-serratura għandha tkun hekk iddisinjata, kostruwita u mwaħħla li t-tidwir taċ-ċilindru tas-serratura, meta jkun fil-pożizzjoni llokkjata, b'torque ta' anqas minn 0,245 mdaN ma jkunx possibbli b'xi ċavetta oħra ħlief iċ-ċavetta li taqbel, u
- 5.7.1. għal ċilindri ta' serratura b'pin tumblers mhux aktar minn żewġ tumblers identiċi li joperaw fl-istess direzzjoni għandhom ikunu mqiegħda biswit xulxin, u f'serratura ma għandux ikun hemm aktar minn 60 % ta' tumblers identiċi,
- 5.7.2. għal ċilindri ta' serratura b'disc tumblers mhux aktar minn żewġ tumblers identiċi li joperaw fl-istess direzzjoni għandhom ikunu mqiegħda biswit xulxin, u f'serratura ma għandux ikun hemm aktar minn 50 % ta' tumblers identiċi,
- 5.8. Apparati protettivi għandhom ikunu tali li jeskludu kull riskju ta' imblukkar aċċidentali li x'aktarx jikkomprometti b'mod partikolari s-sikurezza waqt li l-vettura tkun miexja.
- 5.9. L-apparat protettiv, jekk huwa tat-tip 1, tat-tip 2 jew tat-tip 3, għandu, fil-pożizzjoni attivata tiegħu, ikun b'saħħtu biżżejjed biex ikun jiflaħ, mingħajr ma jagħmel ħsara lill-mekkaniżmu tal-istering li x'aktarx tikkomprometti s-sikurezza, l-applikazzjoni ta' torque ta' 20 mdaN mal-fus tax-xaft tal-istering fiż-żewġ direzzjonijiet taħt kundizzjonijiet statiċi.
- 5.10. L-apparat protettiv, jekk huwa tat-tip 1, tat-tip 2 jew tat-tip 3, għandhom ikunu hekk iddisinjati li l-istering jista' jissakkar biss f'angolu ta' mill-inqas 20° lejn ix-xellug u/jew lejn il-lemin tal-pożizzjoni dritt 'l quddiem.
6. SPEĊIFIKAZZJONIJIET PARTIKOLARI
- 6.1. Barra mill-ispeċifikazzjonijiet ġenerali stipulati fil-paragrafu 5, l-apparat protettiv għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet partikolari kif stipulati hawn taħt:
- 6.1.1. Fil-każ ta' apparat protettiv tat-tip 1 jew tat-tip 2, għandu jkun possibbli li wieħed jillokkja s-serratura permezz ta' moviment taċ-ċavetta, bil-manubriji li jkunu fil-pożizzjoni adattata tad-dħul għall-ingaġġ tal-bolt fl-islott korrispondenti.
- 6.1.2. Fil-każ ta' apparat protettiv tat-tip 3, għandu jkun possibbli li l-bolt jiġi ċċarġjat minn qabel b'azzjoni separata min-naħa tal-utent tal-vettura, kombinat ma' jew b'żieda mat-tidwir taċ-ċavetta. M'għandux ikun possibbli li wieħed ineħħi ċ-ċavetta għal darbha l-bolt ikun ġie ċċarġjat minn qabel, ħlief skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5.1.3 hawn fuq.

- 6.2. Fil-każ ta' apparat protettiv tat-tip 2 u tat-tip 3, m'għandux ikun possibbli li bolt jingagħga sakemm l-apparat huwa stabbilit f'pożizzjoni li jippermetti l-attivazzjoni tal-magna tal-vettura.
- 6.3. Fil-każ ta' apparat protettiv tat-tip 3, meta l-apparat ikun issettjat biex jaġixxi, ma għandux ikun possibbli li jipprevjeni l-apparat milli jiffunzjona.
- 6.4. Fil-każ ta' apparat protettiv tat-tip 3, l-apparat protettiv għandu jibqa' jaħdem tajjeb u għandu, b'mod partikolari, ikompli jilħaq ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.7, 5.8, 5.9 u 6.3 ta' hawn fuq wara li jkun għadda minn 2 500 ċiklu ta' illokkjar f'kull direzzjoni tat-test speċifikat fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.
7. MODIFIKA TAT-TIP TA' VETTURA JEW APPARAT TA' PROTEZZJONI TAL-VETTURA
- 7.1. Kull modifika tat-tip ta' vettura jew ta' apparat protettiv tal-vettura għandha tkun notifikata lid-dipartiment amministrattiv li approva t-tip ta' vettura. Imbagħad, id-dipartiment jista' jew:
- 7.1.1. iqis li l-modifika li saru mhux probabbli li se jkollhom effett negattiv sew u li jkun xi jkun il-każ il-vettura xorta tikkonforma mar-rekwiżiti; jew
- 7.1.2. jeħtieġ rapport ieħor tat-test mis-servizz tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.
- 7.2. Konferma jew każda tal-approvazzjoni, bl-alterazzjonijiet speċifikati, għandha tkun ikkomunikata, bil-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3 ta' hawn fuq, lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.
8. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 8.1. Kull vettura li jkollha marka tal-approvazzjoni kif preskritta taħt dan ir-Regolament għandha tikkonforma, fir-rigward tat-tip ta' apparat protettiv, mal-immuntar ta' dan tal-aħħar fuq il-vettura, u mal-komponenti li fuqhom l-apparat protettiv jaġixxi mat-tip ta' vettura approvata.
- 8.2. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità kif preskritta fil-paragrafu 8.1 ta' hawn fuq, għandhom isiru numru suffiċjenti ta' kontrolli għall-għarrieda fuq vetturi manifatturati f'serje li jkollhom il-marka tal-approvazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament.
9. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 9.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward tat-tip tal-vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 8.1 ta' hawn fuq ma jkunux rispettati.
- 9.2. Jekk Parti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira approvazzjoni li tkun tat qabel, għandha tavża b'dan minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li fl-aħħar ikollha, f'ittri kbar, l-annotazzjoni ffirmata u datata "APPROVAZZJONI RTIRATA".
10. PRODUZZJONI MWAQQFA DEFINITTIVAMENT
- Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf għalkollox milli jimmanifattura tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni. Meta tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tgħarraf b'dan lill-Partijiet l-oħra fil-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, u dan permezz ta' kopja tal-formola tal-approvazzjoni li jkollha miktub fl-aħħar, b'ittri kbar, l-annotazzjoni iffirmata u ddatata: "PRODUZZJONI MWAQQFA".
11. ISMIJET U INDIRIZZI TA' DIPARTIMENTI TEKNIĊI RESPONSABBILI GĦAT-TWETTIQ TA' TESTIJET TAL-APPROVAZZJONI, U TA' DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI
- Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, l-ismijiet u l-indirizzi tas-servizzi tekniċi responsabbli għat-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tad-dipartimenti amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom iridu jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew iċ-każda jew l-irtirar tal-approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħrajn.

ANNESS 1

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

Komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni (jew iċ-ċaħda jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew il-produzzjoni mwaqqfa għal kolloxx) ta' tip ta' vettura b'mutur bil-manubriji fir-rigward tal-protezzjoni tagħha kontra użu mhux awtorizzat skont ir-Regolament Nru 62.

Nru tal-approvazzjoni ...

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tal-vettura li taħdem bl-enerġija
2. It-tip ta' vettura
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur
5. Deskrizzjoni fil-qosor tal-apparat protettiv, tal-immuntar tiegħu, u l-funzjoni u tas-sistema tal-istering tal-vettura
6. Id-data tal-preżentazzjoni tal-vettura għall-approvazzjoni
7. Servizz tekniku responsabbli mit-tnexxija tat-testijiet tal-approvazzjoni
8. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz
9. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz
10. Approvazzjoni mogħtija/mċaħħda ⁽²⁾
11. Il-pożizzjoni tal-marka ta' approvazzjoni fuq il-vettura
12. Post
13. Data
14. Iffirmar
15. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom fuqhom in-numru ta' approvazzjoni li ntvera aktar 'il fuq, huma annessi ma' din il-komunikazzjoni:
 - Tpinġijiet, dijagrammi u pjanijiet tal-apparat protettiv, tal-immuntar tiegħu, u komponenti tal-vettura li fuqha jaġixxi;
 - ritratti tal-apparat protettiv.

⁽¹⁾ Numru distintiv tal-pajjiż li ta/estenda/ċaħad/irtira approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).


⁽²⁾ Aqta' dak li ma japplikax.

ANNEX 2

ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

Mudell A


(Ara l-paragrafu 4.4 ta' dan ir-Regolament)



Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq imwarrha ma' vettura turi li t-tip tal-vettura, fir-rigward tal-protezzjoni laterali tagħha, ġiet approvata fil-Pajjiżi Baxxi (E 4) skont ir-Regolament Nru 62 taħt in-numru ta' approvazzjoni 002439. In-numru tal-approvazzjoni jindika li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament Nru 62 fil-forma oriġinali tiegħu.

Mudell B

(Ara l-paragrafu 4.5 ta' dan ir-Regolament)



Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwarrha ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat għe approvat fil-Pajjiżi l-Baxxi (E 4) skont ir-Regolamenti Nri 62 u 10 ⁽¹⁾. In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament Nru 62 ma għex modifikat, u r-Regolament Nru 10 diġà inkluda s-serje ta' emendi 01.

⁽¹⁾ It-tieni numru hu mogħti biss bħala eżempju.

ANNEX 3

TEST GĦAL UŻU F'APPARAT PROTETTIV TAT-TIP 3**1. TAGĦMIR TAT-TEST****1.1. It-tagħmir tat-test għandu jikkonsisti fi:**

1.1.1. pożizzjoni fissa adattata għall-immuntar komplut tal-kampjun tal-istering mal-apparat protettiv imwahaħhal, kif deskritt fil-paragrafu 2.3 ta' dan ir-Regolament;

1.1.2. mezz għall-attivazzjoni u d-diżattivazzjoni tal-apparat protettiv li għandu jinkludi l-użu taċ-ċavetta;

1.1.3. mezz għad-dawrien tax-xaft tal-istering relattiv mal-apparat protettiv.

2. METODU TAT-TEST

2.1. Kampjun tal-istering komplut bl-apparat protettiv huwa mwahaħhal mal-pożizzjoni fissa msemmija fil-paragrafu 1.1.1 ta' hawn fuq.

2.2. Ċiklu wieħed tal-proċedura tat-test għandu jikkonsisti fl-operazzjonijiet li ġejjin:

2.2.1. Pożizzjoni ta' startjar

L-apparat protettiv għandu jiġi diżattivat u x-xaft tal-istering għandu jiddawwar għal pożizzjoni li tipprevjeni l-ingaġġ tal-apparat protettiv.

2.2.2. Issettjar biex jiġi attiv

L-apparat protettiv għandu jiġi mċaqraq mill-pożizzjoni diżattivata għal dik attivata, bl-użu taċ-ċavetta.

2.2.3. Attivat

Ix-xaft tal-istering għandu jiddawwar b'tali mod li t-torque fuqu, fil-mument tal-ingaġġ tal-apparat protettiv, tkun ta' 5,88 Nm $\pm$ 0,25 Nm.

2.2.4. Diżattivat

L-apparat protettiv għandu jiġi diżattivat bil-mezzi normali, bit-torque titnaqqas għal zero biex jiġi faċilitat id-disingaġġ.

2.2.5. Ritorn

Ix-xaft tal-istering għandu jiddawwar għal pożizzjoni li tipprevjeni l-ingaġġ tal-apparat protettiv.

2.2.6. Rotazzjoni opposta.

Irrepeti l-proċeduri deskritti fil-paragrafi 2.2.2, 2.2.3, 2.2.4 u 2.2.5, iżda fid-direzzjoni opposta tat-tidwir tax-xaft tal-istering.

2.2.7. L-intervall bejn żewġ ingaġġi suċċessivi tal-apparat għandu jkun ta' mill-inqas 10 sekondi.

2.3. Iċ-ċiklu li jipproduċi l-ħsara permezz tal-użu għandu jiġi rripetut għal-numru ta' drabi speċifikat fil-paragrafu 6.4 ta' dan ir-Regolament.
